# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Joseph Schembri u Anthony Micallef**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Joseph Schembri** li għandu l-karta tal-identita bin-numri 479790M **u Anthony Micallef** li għandu l-karta tal-identita bin-numri 193181M li permezz tagħha huma ġew akkużat (in suċċint) li f'Mejju 2014 xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, jew laqgħu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta sew jekk barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħlu sabiex ibiegħhom jew imexxuhom. Joseph Schembri waħdu ġie wkoll mixli talli ikkometta serq ta' għoxrin euro kontanti kif ukoll li seraq telefon ċellulari liema serq huwa aggravat bil-valur a detriment ta' Marie Cachia Zammit.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 6 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti tennew li ma kienux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet ix-xiehda prodotti;

***Ikkunsidrat : -***

Illi kwantu għall-kawża kontra l-imputat Joseph Schembri, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.  Jirriżulta li l-imputat stqarr ħtijietu fl-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija kif jidher a fol 53 tal-proċess.  Hemmhekk huwa spjega kif kien għamel is-serqa de quo kif ukoll għaraf il-mobile phone misruq.

Il-Qorti hija għalhekk konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi dwar il-ħtija tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Mill-istess stqarrija il-Qorti hija wkoll moralment konvinta li l-imputat kien dak li biegħ il-mobile phone in kwistjoni lill-Anthony Micallef meta kien jaf ben tajjeb li l-istess mobile phone kien misruq minnu stess.  Anzi huwa qal ukoll li kien dispost li jirriżarċixxi lill-istess Micallef il-flus li kien ħadlu.

Il-Qorti ma tistax tqis li f'dan il-każ il-figura tar-riċettazzjoni kienet ġiet mogħtija bħala alternattiva għar-reat ta' serq in kwantu ir-reat tas-serq u l-eventwali riċettazzjoni seħħew f'jiem differenti u f'kuntesti differenti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda lil Anthony Micallef, din il-Qorti hija sajma kważi għal kollox minn provi, legalment ammissibbli, li jippruvaw l-elementi kollha tar-reat tar-riċettazzjoni kontra tiegħu sal-grad rikjest mill-Liġi.

# *Decide :-*

1. Illi kwantu għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront t'Anthony Micallef, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi tar-reat ta' riċettazzjoni kollha bi provi legalment ammissibbli lil hinn minn kull dubju dettat

mir-raġuni u għalhekk qegħda ssib lil Anthony Micallef mhux ħati tar-reat addebitat lilu u tilliberah minn kull ħtija u piena dwaru.

2. Illi kwantu għar-reati kontestati lil Joseph Schembri il-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-Joseph Schembri ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx mad-Difiża li f'dan il-każ il-Qorti setgħet tipproċedi bħal ma għamlet fil-kawża Il-Pulizija vs. Daniel Briffa deċiża nhar id-9 ta' Marzu 2016 u dan peress li a differenza ta' dak il-każ, f'dan il-każ, l-imputat ma jistax jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena konsegwenti ammissjoni bikrija. Inoltre, wara li rat il-fedina penali tiegħu, il-Qorti tikkundannah għall-piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda fis-seħħ ħlief jekk l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sena millum u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun, ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-imputat ħati u tkun ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tiddikjara li hija wissiet lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu minn din is-sentenza ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm priġunerija fi żmien sena millum.

***Mogħtija illum it-13 ta' Novembru 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***